**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Vincent George Delicata**

**Mario Delicata**

**Michael Delicata**

**Kumpilazzjoni Numru: 417/12**

**Illum, 24 ta' Gunju, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Vincent George Delicata detentur tal-karta tal-identita` numru 773347M, kontra Mario Delicata detentur tal-karta tal-identita` numru 415276M u kontra Michael Delicata detentur tal-karta tal-identita` numru 484078M akkuzati:

Talli f'April 2012 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru I-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita` taghhom personali kif ukoll bhala Diretturi tas-socjeta` Emmanuel Delicata Winemaker Limited, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment tad-Direttorat tal-Agrikoltura u ohrajn, ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew

ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghal awtorita` pubblika u cioe` lid-Direttorat tal-Agrikoltura, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, ai termini ta' l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi poggew fug is-suq prodott tal- gheneb adatt ghall-produzzjoni ta' inbejjed D.O.K meta I-gheneb m' ghandhux il-karatteristici mehtiega, ai termini ta' l-artikolu 13 tal-Att Dwar l-Inbid Kap 436 u tal-Avviz Legali 416 tal-2007.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika I-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputati fejn huma wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputati u cioe`:

1) Fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Fl-artikolu 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Fir-regolament 4 tal-Avviz Legali 416/2007 kif emendat (Att dwar l-Inbid – Kap 436) u fl-Artikolu 26 tal-Kapitolu 436 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikolu 13 u 26 tal-Kapitolu 436 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Fl-artikoli 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja -Verbal tas-7 ta' Novembru 2016 a fol. 231 tal-atti processwali.

Rat il-fedina tal-imputat Vincent Delicata li hija wahda refrattarja;

Rat il-fedina tal-imputat Mario Delicata li hija netta;

Rat il-fedina tal-imputat Michael Delicata li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrijiet tal-imputati;

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat **Mario Delicata** (a fol. 34 et seq) ikkonferma li huwa ezercita d-dritt li jikkonsulta ma' l-avukat tieghu. Qal li huwa wiehed mid-diretturi ta' Emmanuel Delicata Winemaker Limited u li ilu hames snin li jiehu hsieb id-diversi dipartimenti tal-*winery* li jinkludu *marketing, sales* u *maintenance*. Xogholu huwa speci ta' *general manager*. Qal li huwa ma jkollux x'jaqsam ma' l-ghasir u l-ibbottiljar tal-inbid u ghandhom *winemaker* ghal dak ix-xoghol, certu Edric Bonello, li ilu impjegat maghhom mis-sena 1996. Huwa kkonferma li l-inbid li jinbiegh fis-suq lokali ma jkunx kollu kkultivat hawn Malta izda jixtru gheneb minn barra wkoll. Ghas-sena 2010 kien hemm il-*brand* Cavalli Sauvignon Blanc 2010 li kien ibbottiljat hawn b'gheneb li xtraw mill-Italja. Qal li gieli jixtruh *grape must* fejn dan ikun maghsur biss imbaghad jiffermentawh huma u gieli jixtru wkoll ikun inbid lest. Fil-kaz ta' Cavalli Sauvignon Blanc dan jinxtara inbid lest pero` xorta kien baqghalu xi processi x'isirulu. Ghar-rigward ta' l-gheneb li ntuza ghal Gran Cavalier Sauvignon Blanc 2010, sa fejn jaf hu da inxtara minghand bdiewa li jkunu kabruh hawn Malta. Huwa qal li m'huwiex il-kaz li l-gheneb li ntuza fil-Gran Cavalier Sauvignon Blanc 2010 u Medina Sauvignon Blanc 2010 huwa l-istess bhal dak li ntuza

fil-Cavalli Sauvignon Blanc 2010: "*A konoxxenza tieghi m'huwiex il-kaz*". Qal li huwa l-*winemaker* li huwa responsabbli ghal *winemaking* fejn qal ukoll illi jekk ghamel hekk ghamel hsara lill-kumpanija. Qal li d-*daily operations* tal-*winemaking* huma f'idejn il-*winemaker* fejn huwa fdat bil-*winemaking*. Huma bhala diretturi jiccekkjaw biss biex iduqu l-inbid biex jaraw li l-inbid huwa tajjeb jew meta jkun hemm ilmenti minghand il-klijenti li l-inbid huwa hazin. Huwa nnega li l-gheneb li xtraw ghal Cavalli Sauvignon Blanc kien orhos mill-gheneb li uzaw ghall-Gran Cavalier u ghall-Medina Sauvignon Blanc; anzi qal li l-gheneb li uzaw ghal Cavalli SauvignonBlanc kien jiswa iktar minn dak li xtraw minn Malta.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat **Vincent George Delicata** ghazel li ma jkollux ghajnuna legali qabel l-interrogazzjoni – dikjarazzjoni esebita a fol. 36. L-imputat qal li huwa wiehed mid-diretturi ta' Emmanuel Delicata Winemaker Limited izda huma t-tfal tieghu li jiehdu hsieb id-*day to day running*. Fir-rigward ta' l-ghasir ta' l-gheneb qal li huwa jkun hemm ghax jiehu gost ikun hemm. Ikkonferma li jkun il-*winery* ta' kuljum u jkun jaf x'inhu ghaddej pero` ma jkunx jaf id-dettall. Huwa qal li jixtru gheneb minn barra wkoll fejn jixtru l-iktar mill-Italja minhabba l-vicinanza. Qal li kienu jixtru l-gheneb minn barra u jipprocessawh hawn Malta pero` issa qed jaghmlu anqas hekk u qed

jixtru dak Ii jissejjah *must*. Fil-kaz ta' Cavalli Sauvignon Blanc 2010 qal li dak kien inbid u kien nofsu lest. Fir-rigward ta' Gran Cavalier Sauvignon Blanc 2010 qal li l-gheneb kollu nxtara minn Malta u l-Ghammieri ghandhom rekords ta' dan fejn tawh l-banderoles skont kemm kienu jaghsru. Fir-rigward ta' Medina Sauvignon Blanc 2010 qal li l-gheneb kienu xtrawh minghand il-bdiewa ta' Malta. L-imputat qal li ma jistax ikun dak li qed jigi allegat mill-Viticulture and Oenology Unit u cioe` li l-gheneb li ntuza fil-Gran Cavalier Sauvignon Blanc 2010 u l-Medina Sauvignon Blanc 2010 huwa l-istess bhal dak li ntuza fil-Cavalli Sauvignon Blanc 2010. Mistoqsi kif inhu cert ta' dan l-imputat qal hekk: *"Ghax kemm gibna inbid (must) minn barra ma jistax jkun li jaghmel dik il-kwantita` kollha li fil-fatt ghamel."* L-imputat qal li s-Sauvignon Blanc ta' Malta jigi hafna orhos minn dak li xrtaw minn barra. Mistoqsi jekk jiccekkjax dak li jaghmel il-*winemaker* l-imputat qal li huwa jara biss meta jkun qed jiffermenta ghaliex dak il-porcess jinteressah. Huwa qal li l-*must* li uzaw ghal Cavalli Sauvignon Blanc 2010 ma uzawh ghall-ebda tip ta' inbid iehor *"u lanqas taghmel sens ekonomikament ghaliex dak li xtrajna minn barra jiswa aktar minn dak li xtrajna minn Malta ghal Gran Cavalier Sauvignon Blan 2010 u Medina Sauvignon Blanc 2010."* Huwa qal li ma jistax ikun li l-kampjuni ta' Gran Cavalier Sauvignon Blanc 2010 u Medina

Sauvignon Blanc 2010 irrizultaw li huma l-istess bhal Cavalli Sauvignon Blanc 2010.

Illi **Michael Delicata** ghazel li ma jkollux ghajnuna legali qabel l-interrogazzjoni – dikjarazzjoni esebita a fol. 41. Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li huwa wiehed mid-diretturi ta' Emmanuel Delicata Winemaker limited fejn jiehu hsieb *shipping* u *exports*. Huwa qal li m'ghandux x'jaqsam mal-*winemaking*. Qal li l-inbid li jinbiegh fis-suq lokali hemm minnu li jkun ikkultivat hawn Malta u hemm minnu fejn jixtri dak li jissejjah *must* minn barra. Huwa minghalih li l-inbid Cavalli Sauvignon Blanc 2010 jinxtara lest mill-Italja. Sa fejn jaf hu l-gheneb ghall-inbid Gran Cavalier Sauvignon blanc 2010 u Medina Sauvignon blanc 2010 kollu minn Malta nxtara. Huwa qal li ma jahsibx li jista' jkun li ntuza gheneb minn barra ghal dawn l-inbejjed. Huwa rega' qal li mhuwiex involut fil-*winemaking* izda huwa Edric Bonello li huwa l-*head winemaker*. Huwa lanqas ma jiccekkja fuq il-winemaking. Huwa qal li ghandhom zewg tipi ta' inbid Malti u Taljan u r-*range* ta' Cavalli Sauvignon Blanc 2010 dejjem gabuh mill-Italja. Huwa kkonferma li kien hemm xi zmien meta l-Gran Cavalier Sauvignon Blanc 2010 u l-Medina Sauvignon Blanc 2010 kienu *out of stock*. Huwa qal li ma jahsibx li jista' jkun li l-kampjuni li ntbaghatu barra tal-Gran Cavalier Sauvignon Blanc 2010 u tal-

Medina Sauvignon Blanc 2010 irrizultaw li kienu l-istess bhal Cavalli Sauvignon Blanc 2010.

Rat illi fid-digiret tad-9 ta' Ottubru 2012 (a fol. 46 tal-process) ix-xhieda Dr. Justin Zahra u Claudette Gambin gew dikjarati bhala xhieda inammissibbli stante li kienu prezenti waqt ix-xhieda ta' l-Ispettur Maurce Curmi u allura kienu prezenti ghal xi mistoqsijiet u kummenti rigward il-komportament taghhom fl-ivestigazzjoni ta' dan il-kaz.

Xehdet **Dr. Amanda Poole** in rapprezentanza tal-MFSA fejn esebiet il-Memorandum and Articles tal-kumpanija Emmanuel Delicata Wine Limited li gie mmarkat bhala Dok. AP1 a fol. 73 et seq minn fejn jirrizulta li d-diretturi tal-imsemmija kumpanija huma l-akkuzati f'dawn il-proceduri.

Xehed **Gilbert Camilleri** li kien jahdem il-Vitikultura fejn qal li f'Ottubru 2011 dahal rapport li certu inbejjed ta' Delicata kienu qed jinbieghu bhala illejbiljati *produced in Malta* meta kien inbid tal-Italja. Qal li kienu gabru kampjuni minn *supermarket* gewwa Hal-Qormi fejn baghtuhom l-Italja. Huwa s'hemmhekk jghid li lahaq peress li wara Dicembru 2011 ma baqax jahdem fis-sezzjoni tal-Vitikultura. Huwa qal li dawk iz-zminijiet kienu jibghatu l-kampjuni barra

minn Malta biex jaraw jekk l-inbid huwiex tajjeb biex jinxtorob u meta kien jasal ic-certifikat mill-Italja li kien tajjeb biex jinxtorob il-Vitikultura imbaghad kienet tohrog certifikat. Dak iz-zmien ma kienux isiru testijiet jekk l-ghenba hijiex ta' Malta jew ta' barra. Ix-xhud qal li ma baqax jahdem il-Vitikultura u allura lanqas ma jiftakar jekk kienux waslu r-rizultati jew le.

In kontro-ezami x-xhud qal li r-rapport dahal minghand Marsovin u Camilleri. Qal li kien mar ma' Claudette Gambin biex jixtri l-inbid izda ma kienx avza lill-akkuzati. Ix-xhud qal li din kienet l-ewwel darba li bghatu l-kampjuni ghall-*isotopic analysis* ghaliex qatt ma kellhom kaz bhal dan qabel. Huwa qal li meta marru jixtru l-inbid minn Pavi Supermarket ma kienx hemm l-akkuzati maghhom u lanqas xi hadd mill-Qorti. Qal ukoll li hadd ma mar ma' l-inbid izda bghatuh l-Italja wahdu mad-DHL fejn l-inbid gie ssiggillat go kaxxa biex ma jinkisirx. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud qal li ma jkunx issiggillat b'sigill ta' l-Awtorita`. Fuq domanda jekk Malta hemm xi *database* ta' l-ghenba Maltija qal li kien hemm xi haga izda ma jafx kemm ghadha hemm. Huwa kkonferma li suppost meta Malta dahlet fl-Unjoni Ewropeja kellha taghmel *database* tal-ghenba Maltija. Huwa kkonferma wkoll li kienu jmorru ghand Delicata sabiex jikkontrollaw kemm jixtru gheneb minghand il-

*growers* tal-gheneb Malti sabiex imbaghad johorgu l-*banderoles*.

Ix-xhud **Gilbert Camilleri** rega' xehed fejn qal li d-dokumenti li jinsabu a fol. 134 u 135 tal-atti processwali huma certifikati ffirmati minnu li dak iz-zmien kien johroghom hu. Dawn huma certifikati D.O.K Malta li jinghataw wara li ssir applikazzjoni u wara li jitbaghatu l-Italja. Ic-certifikat a fol. 135 huwa ta' Sauvignon Blanc 2010 marbut mal-brand Gran Cavalier. Huwa qal li mal-applikazzjoni ghal inbejjed D.O.K ikunu taw ukoll lista tal-bdiewa. Din il-lista kienet tinzamm ma' l-applikazzjonijiet kollha tad-D.O.K fl-ufficcju ta' l-Agrikoltura. In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li kien johrog ic-certifikazzjoni a bazi ta' certu verifiki li jkun ghamel u skont kemm kienu jkollhom inbejjed. Bhala verifiki spjega li kienu jaghtu l-ammont ta' gheneb li jkunu xtraw minghand kull bidwi. Imbaghad il-bidwi jkun marbut jaghti *harvest declaration* igifieri jkunu ghamlu *counter verification.* Huwa kkonferma li kienu jaraw li dak li ddikjara Delicata kien jaqbel ma' dak li qed jghid il-bidwi. Ikkonferma wkoll li kienu jkunu hemm waqt li l-gheneb ikun qed jintghasar u kienu jiehdu kampjuni wkoll waqt li qed jintghasar. In ri-ezami x-xhud qal li wara li jkun hareg ic-certifikat ma jsirux verifiki biex jaraw jekk l-inbid ghadu dak li kien qabel ma nhareg ic-certifikat.

Xehed l-**Ispettur Maurice Curmi** li qal li kien ircieva rapport minghand Dr. Justin Zahra (Direttur ta' l-Agrikoltura) li gie infrumat minn *winery* iehor kompetitur ta' Emmanuel Delicata Winemaker Limited li kienu qed ipoggu fuq is-suq tlett tipi ta' inbejjed b'ismijiet differenti li kienu qed jigu mill-istess inbid. Huwa esebixxa diversi dokumenti fosthom Dok. MC 16 u MC17 li jikkonsistu f'certifikati D.O.K, Dok. MC 9 li kien ghaddielu Mario Delicata fejn kien ghamel lista ta' l-inbejjed li kienu gew prodotti f'dik is-sena partikolari u anki Dok. MC 18 li hija rcevuta li kien ghaddielu l-imputat Mario Delicata. L-Ispettur spjega li kien interroga lill-imputati u a bazi ta' l-informazzjoni li ghaddewlu d-Direttorat ta' l-Agrikoltura huwa mexxa bil-proceduri odjerni. In kontro-ezami huwa kkonferma li t-tlett imputati waqt l-interrogazzjoni kienu qalulu li ghandhom *winemake*r u li dan ilu impjegat maghhom mis-sena 1996. Qal ukoll li l-imputati ma tawhx ricevuti ghall-gheneb li xtraw minn Malta ghal Gran Cavalier Sauvignon Blanc u ghal Medina Sauvignon Blanc pero` qal li kellhom il-*banderols* u fil-fatt ghaddewlu c-certifikati D.O.K li hargu mid-Dipartiment tal-Agrikoltura. Huwa qal li Gilbert Camilleri kien fil-fatt hareg dokument li jikkonferma li dak l-gheneb gie kkultivat Malta u dan id-dokument kien fuqhom u kienu ghaddewh lill-istess Spettur. Ix-xhud ikkonferma li l-*banderols* kienu jaqblu mar-rekords tad-dipartiment. Ikkonferma wkoll

li t-testijiet ma sarux taht il-gwida ta' Magistrat Inkwerenti. Mistoqsi jekk Malta hemmx *data bank* ta' l-gheneb l-Ispettur irrisponda hekk: "*No m'ghandniex dik il-problema*." Mistoqsi jekk Malta hemm *data bank* biex isir *comparative study* biex jigi determinat jekk ghenba hijiex Maltija jew le l-Ispettur qal li dak iz-zmien ma kienx hemm u llum ma jafx jekk hemmx. Ix-xhud esebixxa wkoll formalment flixkun ta' Gran Cavalier Sauvignon Blanc tas-sena 2010 (Dok. MC19) u flixkun ta' Medina Sauvignon Blanc tas-sena 2010 (Dok. MC20) li gew elevati mill-*winery* ta' l-imputati.

Xehed **Dr. Justin Zahra**, Direttur ta' l-Agrikoltura, fejn spjega li waqt li kien imsiefer intbaghtu xi kampjuni gewwa Istitut Taljan minn fejn irrizulta li Cavalli Sauvignon Blanc li jigi mixtri direttament mill-Italja u bbottiljat hawn Malta kellu DNA identiku ghal Gran Cavalier Sauvignon Blanc li kien parti mill-iskema D.O.K. Huwa kkonferma li l-ittra esebita a fol. 23 li huwa kien baghat lill-Pulizija sabiex tinvestiga dan ir-rizultat anomalu. Ix-xhud spjega li r-rizultat ta' l-analizi huwa wiehed kimiku fejn jghidlek jekk hemmx *match* izda mhux ha jghidlek minn fejn gew l-gheneb. Ix-xhud spjega li l-Cavalli Sauvignon Blan jinbiegh bi prezz ta' xi hames ewro (€5) mentri il-Gran Cavalier Sauvignon Blanc jinbiegh cirka ghaxar ewro (€10) ghaliex huwa izjed pregjat u Malti u ghandu dawk il-kontrolli illi jaghmluh D.O.K.

In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li c-certifikat D.O.K inhareg mid-dipartiment u dan wara li jkunu saru verifiki fuq il-bdiewa fejn jivverifikaw li jkunu gew registrati b'dak l-gheneb. Ghalkemm il-verifiki ta' *banderols* tal-imputati sar qabel ma dahal fil-kariga tieghu qal li huwa infurmat illi l-ezercizzju ta' spezzjoni u verifika sar kollu f'dik is-sena.

Xehdet **Claudette Gambin** li qalet li tahdem fil-*Permanaent Crops Unit* li jirregola l-inbid, zejt u ghasel. Dak iz-zmien qalet li kienet *Scientific Officer* fejn ircevew rapport biex jinvestigaw l-inbid ta' Delicata. Hija sabet laboratorju akkreditat l-Italja fejn gabru l-kampjuni minn *supermarket* u baghtuhom b'*courier* f'dan il-laboratorju ghat-*testing*. Mir-rizultat hareg li l-Medina u l-Cavalli kienu differenti izda l-Cavalli u l-Gran Cavalier kienu l-istess inbid. Fuq domanda tad-difiza dwar x'jghid ir-rizultat ix-xhud ikkonfermat li r-rizultat ma jghidx li l-inbejjed huma identici izda li huma '*not significantly different*'. Hija qalet li dan ir-rapport johrog *standard* b'dawk il-kliem. Ix-xhud qalet li Malta hemm *database* pero` ghal Sauvignon Blanc dak iz-zmien ma kienx hemm data.

In kontro-ezami x-xhud ikkonfermat illi c-certifikazzjoni D.O.K jinhareg mid-direttorat ta' l-

Agrikoltura skont ir-rizultati li jircievu mill-laboratorju appuntat. Hija qalet li jibghatu kampjuni *at random* ta' l-inbid u huma bhala d-Direttorat jivverifikaw ukoll il-*banderols* u fil-fatt huma ma joqghodux fuq dak li jghidulhom il-*producer* izda jiccekkjaw kemm qeghdin jixtru gheneb minghand il-bdiewa. Ghalhekk ikkonfermat li hija skont din il-verifika li johorgu n-numru ta' *banderoles*.

Xehed **Dr. Anthony Licari** li pprezenta zewg traduzzjonijiet tad-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur - Dok. AL1 a fol. 173.

Xehed **Edrick Bonello** li qal li kien jahdem ma' Delicata fejn xoghlu kien *quality control fil-wine making department*. Kien ilu jahdem ma' Delicata mis-sena 1996 sas-sena 2013. Fir-rigward tal-inbejjed Cavalli u Gran Cavalier Sauvignon blanc huwa kien involut fit-tkabbir, fit-taghsir u anki fil-*bottling*. Huwa kkonferma li jkun jaf minn fejn gej l-gheneb fejn qal li kienu jgibu mil-lokal u mill-Italja. In kontro-ezami x-xhud qal li l-Gran Cavalier Sauvignon blanc kien b'gheneb lokali li kienu jixtru minghand bdiewa Maltin. Huwa kien involut f'dan il-process ukoll fejn l-gheneb jigi "*weighed and graded on site and then processed*" fejn imbaghad jinghataw il-*bandelors*. Huwa spjega li n-nies ta' l-Ghammieri kienu jkunu prezenti ghal dan u

kienu huma li jiddeciedu kemm jaghtu *bandelors*. Huwa qal li l-*bandelor* ikun "*numbered and it is certified and it is only issued from the Ghammieri*". Ix-xhud ikkonferma li kien ikun involut flimkien ma' ta' l-Ghammieri fis-supervizjoni biex jara li l-*bottling* isir kif suppost.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2014 il-Qorti hatret lil Profs. Alfred Vella sabiex jeleva l-esebiti f'dawn il-proceduri sabiex isiru l-analizi necessarji fuqhom f'laboratroju barra minn Malta.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Frar 2015 il-Profs. Vella irrileva li kwantu ghall-interpretazzjoni tar-rizultati li jinsabu a fol. 25 tal-process (u cioe` dawk ta' l-Istituto Agrario San Michele), huwa jixtieq ikollu assistenza ta' Enelogu specjalizzat fl-interpretazzjoni tal-*isotopic ratios*.

Rat illi l-istess Profs. Vella pprezenta rikors fit-2 ta' Gunju 2015 fejn irrileva illi wasal ghall-konkluzjoni li ma jafx persuni esperti f'din il-materja f'Malta. Qal ukoll li ma jhossx li ghandu esperjenza relattiva sufficjenti sabiex ikun jista' jghin lill-Qorti f'dan l-inkarigu u ghalhekk talab li jkun rilaxxat minnu.

Illi fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2015 id-difiza rrilevat illi mhijiex lesta taccetta r-rizultanzi tal-analizi li saru mill-Istituto Agrario San Michele peress li ma kienux esperti nominati mill-Qorti u anki peress li d-difiza u l-Qorti ma kellhom l-ebda kontroll fuq kif ingabret l-evidenza u c-*chain of evidence*. Id-difiza talbet li dan jigi ezaminat minn esperti nominati mill-Qorti.

Illi l-Qorti harrket lil **Dr. Robert Cortis** sabiex jixhed dwar l-ispecjalizzazzjoni tieghu.

Xehed **Dr. Robert Cortis** fejn esebixxa l-*curriculum vitae* tieghu li gie mmarkat bhala Dok. RC1 a fol. 186 tal-process. Ix-xhud qal li huwa specjalizzat fil-kimika analitika ambjentali. Qal ukoll li l-geologija ta' Veneto hija differenti hafna minn dik ta' Malta u ghalhekk ir-rizultat "*jew ser johrog simili jew mhux ser johrog simili ghax il-geologija Venetiana hija differenti*."

L-istess **Dr. Robert Cortis** rega' xehed fejn qal li huwa mar l-Italja biex jaghmel analizi ta' tlett ifliexken inbid. Huwa esebixxa tlett rapporti – wiehed ghal kull flixkun – Dok. RC 1 sa RC 3. L-espert inkarigat qal hekk: "*Malta m'hawnx records, jigifieri jiena ma kellix record ta' Malta ma xiex inqabbel fhimt. Pero` meta*

*qabbilt ma' tal-Veneto qablu ma' tal-Veneto."* Meta mistoqsi jekk ta' Malta jistghux jaqblu ma' ta' Veneto l-espert qal hekk: "*Ifhimni mill-att ta' l-ossignu mhux suppost ghax kif qed nghidlek l-itqal ossigni se jaqa' qabel u meta tara hawn elf kilometru u jekk tara l-mappa ta' kif inhuma z-zoni klimatici bejn Malta u l-Alpi huma zoni klimatici differenti.*" Ix-xhud qal ukoll li l-geologija Maltija u l-komposizzjoni ta' l-art hija differenti ghal dik ta' Veneto.

In kontro-ezami x-xhud qal li t-tlett inbejjed dahlu fir-*range* ta' l-*isotops* ta' Veneto. Qal ukoll li huwa m'ghamilx *comparative study* ma' pajjiz iehor. Huwa qal li ma jistax jaghmel test simili hawn Malta peress li m'hemmx *bank* ghalkemm mis-sena 2008 Malta kellha l-obbligu li zzomm rekords. Ix-xhud ikkonferma li l-*isotops* ta' kull regjun u kull pajjiz jinbiddlu kull sena b'xi ftit u jiddependi mic-cirkostanzi per ezempju kemm ghamlet xita. Ix-xhud rega' kkonferma li huwa ma setax jara jekk jidholx jew le fl-*isotopic range* ta' Malta ghaliex min kellu l-obbligu li jzomm ir-rekords ta' Malta fil-fatt ma zammhomx.

Xehed **Gilbert Camilleri** in kontro-ezami fejn ikkonferma l-firma tieghu fuq id-dokumenti esebiti a fol. 134 u 135 tal-process. Huwa kkonferma li Dok. MC16 huwa certifikat ta' denominazzjoni ta' origini

kkontrollata li huwa stess hareg bhala *agricultural officer*. Huwa kkonferma li kien imur l-*winery* ma' persuna ohra u jiehdu kampjun minn kull inbid u dan wara li jkun sar applikazzjoni ghal certifikat D.O.K. Dawn il-kampjuni jintbaghtu l-Italja ghall-analizi fejn il-laboratorju jintghazel mid-Direttorat u mhux mill-*winemaker*. Huwa kkonferma wkoll li c-certifikat jinhareg a bazi ta' numru ta' *band rolls*. Ikkonferma wkoll li huma jitolbu lill-*winemaker* biex jghidilhom minghand min xtraw l-gheneb (il-bidwi) u kemm xrtaw (kilos). Huma sahansitra jiccekkjaw id-dikjarazzjoni tal-*winemaker* mal-bdiewa fejn fil-fatt jigbru *harvest declaration* minghand il-bdiewa u jqabblu l-ammonti. Huwa kkonferma wkoll li l-*winemaker* jiddependi fuq l-informazzjoni li jaghtih il-bidwi fuq l-ghenba, per ezempju li qed itih ghenba Sauvignon blanc. Imbaghad wara li jkun sar it-test l-Italja jiddeciedu jekk jistawx johrogu certifikazzjoni jew le.

In ri-ezami x-xhud qal li t-test ma jindikax jekk il-prodott origina minn Malta; it-test juri biss il-kwalita` tal-inbid. Huwa qal ukoll li l-ispezzjoni ma ssirx *on site* l-ghalqa izda ghand il-*winemaker*.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputati huma veri, u dan ghaliex, kif ighid **Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890):-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa ghalhekk il-kompitu' ta' din il-Qorti li tezamina x-xhieda u l-provi prodotti, sabiex tara jekk l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputata mill-prosekuzzjoni, gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi. Illi ghalhekk, m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` ; tal-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan qed jinghad ghaliex il-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh kompletament fuq l-analizi tal-laboratorju esteru u cioe' l-**Istituto Agrario Di San Michele**

**All'Adige** li jghid illi a rigward l-inbid **Medina – Sauvignon Blanc – Malta – 2010** ; inghad illi dan l-inbid gej minn origini *uvica* u cioe' mill-gheneb. A rigward l-inbid **Gran Cavalier – Sauvignon Blanc – Malta – 2010** inghad senjatament illi ***"in base all'incertezza analitica i valori isotopici e il profilo compositivo non sono significativamente diversi da quelli del campione 11SM17306 riportante la segnatura "Cavalli – Sauvignon Blanc – Veneto IGP – 2010".*** Ghaldaqstant hawnhekk qed jinghad illi l-inbid tal-Veneto meta mqabbel ma dak Malti tal-istess ghenba ma humiex signifikatament differenti minn xulxin. Ma jghidx illi huma ferm vicin jew identici ghal xulxin apparti mill-fatt illi l-frazi *"incertezza analitica"* hadd ma gie jghid xi tfisser. Fil-fatt tant ma nafux xi tfisser illi hadd mill-Istituto Agrario Di San Michele ma gie ngunt mill-prosekuzzjoni sabiex jigi jikkonferma bil-gurament dawn l-analizi u jispjega ir-rizultanzi taghhom.

Huwa fatt li dawn l-analizi kienu maghmulin *ex parte* pero' dan ma jfissirx illi ma tistax titqies bhala prova meta din issir kif suppost u skont kif titlob il-ligi kriminali. Illi meta l-prosekuzzjoni giet rinfaccjata b'dan il-fatt mid-difiza qisha tfixklet u minflok li kompliet bil-kaz taghha kif hekk kellha

taghmel u ghalhekk naqset milli tipprova l-kaz taghha oltre' kull dubju.

Illi meta mbaghad gie nominat mill-Qorti l-espert Dr. Robert Cortis sabiex jaghmel dawn l-analizi mill-gdid huwa qal illi l-inbejjed Gran Cavalier u l-Medina prodott mill-imputati kien jixbah ir-regjun tal-Veneto izda sfortunatament huwa ma setax jikkompara iz-zewg inbejjed ghaliex Malta ma nsegwux id-direttiva tal-Unjoni Ewropeja li nzommu banka dati. Huwa esebixxa ir-rizultanzi tal-laboratorju esteru li ghandu mar jaghmel l-analizi u fiz-zewg kazijiet gie kkonfermat is-somiljanza mar-regjun tal-Veneto izda ma eskludiex l-anqas illi jista' jkun hemm possibilita' li hemm kompatibilita' ma' prodott Malti.

Illi ulterjorment hareg car senjatament anke mix-xhud tal-prosekuzzjoni Gilbert Camilleri illi z-zewg inbejjed in kwistjoni huma prodotti DOK u cioe' jghaddu minn process rigoruz sabiex jigi stabbilit l-origini tal-prodott u ghalhekk din taghmilha aktar difficli ghal prosekuzzjoni sabiex tipprova l-kaz taghha u dan in mankanza ta' xi dubju fuq dan il-process li wara kollox ikun ikkontrollat mill-Awtoritajiet kompetenti lokali f'dan is-settur.

Illi l-ahhar mankanza procedurali f'dan il-proceduri hija n-nuqqas ta' prova dwar ic-*chain of evidence* tal-fliexken tal-inbid meta dawn intbaghtu barra sija l-ewwel darba kif ukoll meta mar Dr. Robert Cortis bihom.

Illi skont ir-regolamenti stabbiliti u vigenti tar-Regolamenti dwar Procedura dwar it-Tehid ta' Kampjuni fis-Sigurta' fl-Ikel (Legislazzjoni Sussidjarja 449.31 li dahlet fis-sehh bl-Avviz Legali 265 ta' l-2002 17 - Mod kif jittiehdu l- kampjuni Artikolu 9) jipprovdi dwar kif ghandu jittiehed kampjun u dak li jrid jaghmel l-ufficjal awtorizzat biex jiehu kampjun, kif ufficjal awtorizzat jista' jiehu minn kull post: a kampjun selettiv li hu kampjun li jingabar kemm biex juri jew kemm biex jirregistra kondizzjonijiet mhux sodisfacenti osservati matul xi spezzjon jew biex tigi provduta unita ta' ikel li tkun suspetta li mhux sodisfacenti ghall-analizi li ssir fil-laboratorju; u kampjun selettiv ghandu jkun daqstant rapprezentattiv tal-kunsinna, taghbija jew lott totali li jingabar minnu daqskemm ikun possibbli u d-daqs tieghu ghandu jkun sufficjenti sabiex tkun tista' tigi mtennija l-analizi, jekk ikun mehtieg; b kampjun oggettiv li hu kampjun li jingabar minn lott ta' l-ikel fuq bazi ta' rutina, ghal sorveljanza kif gie gie, gbir ta' informazzjoni ghal xi ghan

specifiku, jew sorveljanza sabiex jigi stabbilit jekk l-ikel ikunx ghal xi raguni mhux sodisfacenti; u kampjun oggettiv ma ghandux ikun kampjun daqstant rapprezentattiv imma ghandu jkun sufficjenti biex ikun jista' jigi ezaminat, analizzat jew biex jingieb bi prova jew kif jigi xort'ohra stabbilit bl-Att.

Dwar id-dmirijiet ta' ufficjal awtorizzat Artikolu 10 (1) jipprovdi li meta l-ufficjal awtorizzat jiehu kampjun huwa ghandu: (a) jgharraf bil-fomm lill-bejjiegh jew lil min ikun responsabbli li huwa jkun bi hsiebu jghaddi l-kampjun ghall-analizi jew ezami; (b) kull meta jintalab mill-bejjiegh jew minn min ikun responsabbli, fil-waqt tat-tehid tal-kampjun, u kemm-il darba, fil-fehma ta' l-ufficjal awtorizzat, ma jkunx ragonevolment prattikabbli li jsir il-qsim tal-kwantita mehuda jew dan ikun jinterferixxi ma' l-analizi jew l-ezami, huwa ghandu jaqsam il-kampjun fi tliet partijiet li jkunu ftit jew wisq indaqs, li parti wahda minnhom tigi moghtija lill-bejjiegh jew min ikun responsabbli, u z-zewg partijiet l-ohra jinzammu mill-ufficjal awtorizzat ghall-analizi jew ezami; (c) jizgura, sakemm dan ikun prattikabbli, li t-tehid tal-kampjun u l-mess bl-idejn isiru b'tali mod li l-kampjun ta' l-ikel ma jigix xort'ohra kontaminat; (d) sakemm ikun ragonevolment prattikabbli, jhalli l-lott minn fejn ikun ittiehed

il-kampjun intatt u jaccerta li ma ssir ebda hsara mhux mehtiega lill-merkanzija; (e) jissigilla l-kampjun li jittiehed, jew xi parti minnu skond ma jista' jkun il-kaz hekk li dan ma jkunx jista' jinfetah minghajr ma jinkiser is-sigill li ghandu jkollu numru individwali u jkun ta' xorta li ma jkunx jista' jitbaghbas: Izda ma jkunx hemm ghalfejn li l-kampjuni jigu ssigillati individwalment sakemm il-kampjuni kollha ssigillati kollettivament jigu kkunsinnati fl-istess laboratorju ufficjali jew post iehor ghall-analizi jew ezami; **(f) jizgura li l-kampjuni jittiehdu, jinzammu, jingarru, jinhaznu, jintmessu u jigu trasportati taht kondizzjonijiet li f'cirkostanzi normali jitqiesu bhala adatti**.

Illi jidher li f'dan il-kaz ix-xhud li xehdet fuq ic-*chain of custody of evidence* kienet Claudette Gambin li hi xehdet kif il-kampjuni intbaghtu issiggillati b'*courier* lejn l-Italja. Bir-rispett kollu dan mhux bizzejjed sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit ghaliex filwaqt forsi jekk ikollok karta bhala ezebit ma tantx tista tigi alterata bl-elementi hlief b'xi manupolazzjoni ta' terzi, oggetti tal-ikel, jekk ma jkunx hemm kontroll rigoruz fuqhom, jistghu jigu alterati facilment anke' b'kambjament tat-temperatura. Illi f'dan il-kaz ma ttellghet l-ebda prova fuq kif dawn il-kampjuni ttellghu il-

laboratorju barra minn Malta u t-temperaturi klimatici li fihom ittellghu. Bl-aktar mod car ir-reoli tac-*chain of evidence* kompletament gew injorati.

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tistax issib lill-imputati Vincent George Delicata, Mario Delicata u Michael Delicata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u tilliberhom minn kull akkuza u piena.

**Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**